**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 238/2016 CFF**

**GO p.l.c. gia Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Rupert Cefai**

**Illum 28 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn esponiet:

Illi l-ittra ufficjali fuq premessa inharget that l-Artiklu 166A tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Cefai Rupert li ghandu l-karta t'identita' bir-riferenza 94871M, nhar it-28 ta' Frar, 2006.

Illi l-imsemmija ittra giet reza ezekuttiva fil-konfront tal-intimat nhar is-6 ta' Gunju 2006 ghall-ammont ta' hames mija u tmienja u disghin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm598.44), ekwivalenti ghall-elf tlett mija u tlieta u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€1393.99), flimkien ma l-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

Illi l-intimat hallas l-ammont ta' mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm151.97), ekwivalenti ghall-tlett mija u tlieta u hamsin Ewrou disgha u disghin centezmu (€353.99).

Illi s-socjeta' esponenti ghandha interess li tipprocedi ulerjorment bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv miksub skond kif tipprovdi l-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-hrug tal-mandati opportuni sabiex tesegwixxi t-titolu imsemmi.

Illi ai termini ta' l-istess artiklu 258 tal-Kap. 12, Marisa Galea Debono li ghandha l-karta t'identita' bir-riferenza 248772M debitament awtorizzata, bil-gurament taghha tikkonferma l-fatti hawn imsemmija.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2017 l-intimat Rupert Cefai debitament notifikat fil-15 ta' Dicembru, 2016 u msejjah tliet darbiet ma deherx u lanqas ipprezenta r-risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti GO p.l.c. u terga' tirrendi ezegwibbli l-ittra ufficcjali referenza numru 1185/2006 li saret ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza lis-socjeta' GO p.l.c. tipprocedi bil-hrug tal-mandati opportuni sabiex tesegwixxi t-titolu msemmi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**